*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Disa' Legislatura

***Laqgħa numru 45***

***5.30p.m  10 ta' Mejju 2022***

***Preżenti***

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina -Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

***Assenti b'apoloġija***

Is-Sur Colin Pace - Kunsillier

***Assenti***

Is-Sur Francis Debono - Kunsillier

***Uffiċjal Preżenti***

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa online.

### *45.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

45.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsillier is-Sur Colin Pace talab li jiġi skużat.

## *45.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

45.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 44. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

45.2.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ġibed għall-attenzjoni tal-Kunsill li fil-minuti numru 43 (43.6.1) hemm żbonn li jinbidel in-numru ta' €500 għall-€300 minħabba żball li ġie nnotat. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

### *45.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

45.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li kif ġie spjegat matul dawn l-aħħar snin fix-xhur li ġejjin ser ikun hemm transizzjoni f'dak li huwa l-ġbir tal-iskart. Fejn qabel dan il-ġbir kien isir mil-kunsilli b'mod individwali, ssa ser isir fuq livell reġjonali. Fil-fatt attwalment ir-Reġjun Nofsinhar huwa fil-proċess li joħroġ it-tender. Kien hemm diskussjoni dwar il-ħinijiet u dwar il-possibilita' li l-ġbir tal-iskart jibda jsir filgħaxija.

45.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li matul dawn l-aħħar ġimgħatejn bdew xogħol mall-Kunsill Lokali tal-Marsa żewġ persuni mill-Community Workers scheme bil-ħsieb li dawn ser ikunu stazzjonati mall-ġonna tal-Marsa biex jagħmlu l-maintenance li għandhom bżonn.

## *45.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

45.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa f'liema stadju wasalna biex il-Kunsill ikollu driver għall-van tal-kommunita'. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Jobsplus qiegħed fil-proċess biex jibgħat lil dawk eleġibbli biex japplikaw. Wara jsiru l-interviews u finalment il-persuna magħżula tkun trid tiġi aċċettata waqt laqgħa tal-Kunsill.

45.4.2 Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina qalet li f'Qormi Road qed ikun hemm ħafna ilma ħiereġ min naħa tal-Ħamrun. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill kemm-il darba kien informa l-Water Services Corporation u anke s-sanita' pero min żmien għal żmien din il-problema terġa titfaċċa. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li jkun tajjeb li jekk il-Kunsill ma jirċevix risposti fuq affarijiet li jkun qed jaħdem fuqhom jagħmel post fuq facebook biex hekk in-nies ikunu jafu li l-Kunsill ħa ħsieb l-ilmenti tagħhom.

## *45.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

45.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 05/2022 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda u l-vot favur kien unanimu.

### *45.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

45.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Għaqda Festi Esterni Ssma. Trinita' qed titlob l-għajnuna tal-Kunsill sabiex waqt il-logħob tan-nar ikollhom fire engine stand by. Appari hekk qed jistaqsu jekk il-Kunsill hux interessat li jagħmel reklam fil-ktieb tal-festa għal prezz ta' €250. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekonda.

45.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li s-Soċjeta' Mużikali Trinita' Qaddisa qed jistaqsu jekk il-Kunsill hux interessat jagħmel reklam fuq il-ktieb tal-festa għall-prezz ta' €250. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *45.7 Merchandise Belt Kulturali 2022*

45.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li matul dawn l-aħħar ġimgħat qed jipprova jsib merchandise biex tibqgħa tifkira tat-titlu prestiġġjuż li ħadet il-lokalita' ta' Belt Kulturali 2022. Huwa qal li qed jiġbor numru ta' kwotazzjonijiet fuq biros, notebook, keychains u pins. Il-Kunsill ser ikun qed jistaqsi ukoll dwar jekk jistgħax isir set bollol tal-okkażjoni. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *45.8 Restawr tat-twieqi u bibien tal-Kunsill*

45.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li t-twieqi tal-injam tal-Kunsill reġa' għandhom bżonn dawra u għalhekk il-Kunsill irid isib kwotazzjonijiet permezz tas-sistema eletronika ePPS bil-għan li jinstab kuntrattur lest li jagħmel dan ix-xogħol ta' restawr fuq l-injam. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *45.9 Isem tal-Pjazza tal-Knisja*

45.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-misraħ ta' quddiem il-paroċċa tas-Ssma. Trinita' ma għandha l-ebda isem uffiċjali u għalhekk qed jissuġġerrixxi li jingħata isem uffiċjali quddiem il-knisja. Huwa għandhu żewġ suġġerimenti, waħda li l-pjazza tissemma Misraħ is-Ssma. Trinita' jew inkella Misraħ it-Trinita' Qaddisa. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie miftiehem li l-pjazza jkun jisimha Misraħ is-Ssma. Trinita'. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *45.10 Ikel tal-Qtates*

45.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li s'issa l-ikel li l-Kunsill qed jagħti lill-feeders tal-qtates kien issussidjat mill-iskema li kien ibbenefika minnu l-Kunsill. Eventwalment il-Kunsilli ser ikomplu jibbenefikaw min skemi simili mir-reġjuni rispettivi pero sadanittant dawn li jitimgħu l-qtates ser jispiċċaw minħajr għajnuna. B'hekk is-Sindku qed jipproponi li l-Kunsill joħroġ mhux iktar min €3,000 għal perjodu ta' sena sabiex ikompli jqassam l-ikel lill-qtates. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *45.11 Oġġetti li l-Kunsill irid jagħmel write-off*

45.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li hemm diversi oġġetti li l-Kunsill ikun jrid jagħmel write-off tagħhom min fuq il-kotba tiegħu. Huwa talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma l-Kunsill liema oġġetti ser ikun qed isirlhom write-off. Dawn huma l-Canon fax machine, photocopier sharp AR 552ON, printer HP CP1025 colour u photocopier MFC 8440. Wara li ħadd min dawk preżenti ma sabu oġġezzjoni, l-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *45.12 Kwotazzjoni tal-Pasturi*

45.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill irċieva l-kwotazzjoni ta' ħmistax-il pastur għas-sena 2022 u ħmistax-il pastur għas-sena d-dieħla (b'kollox 30 pastur ta' 20 ċentimentru-l wieħed) mill-iskultur Darren Spiteri għall-ammont ta' €2,832 bil-VAT inkluż. Is-Sindku spjega li dawn ser ikunu pasturi speċjali għaliex huma relatati mall-Marsa u ser jibqgħu tagħna matul is-snin. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu mistoqsijiet, l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *45.13 Community Worker fl-Ammistrazzjoni*

45.13.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li xtaq ikun jaf l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-possibilita' li jkun hemm Community Worker ġdid fl-amministrazzjoni tal-Kunsill, bil-possibilita' li l-Kunsill iżid il-paga b'madwar €200 fix-xahar. Peress li l-persuna li avviċinat is-Sindku jafa' mill-iskola fejn jaħdem, huwa talab li jiġi skużat mill-laqgħa sabiex il-Kunsilliera jiddiskutu bejniethom. Il-Viċi

Sindku s-Sur Joseph Scerri mexxa d-diskussjoni fost dawk preżenti fejn ġie miftiehem li b'sens ta' ġustizzja l-Kunsill ma jistgħax iżid il-paga ta' persuna waħda tal-Community Worker Scheme meta din tkun qed taħdem f'uffiċju, u l-community workers l-oħra jibqgħu bl-istess paga u jieħdu s-sħana tax-xemx u l-kesħa tax-xitwa. B'hekk qablu li jekk il-persuna tkun trid tagħmel jumejn teleworking tkun aċċettabli, iżda mhux li jingħaw fondi addizjonali mill-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *45.14 Attivita' Belt Kulturali Mejju/Ġunju*

45.14.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li hemm erbgħa attivitajiet tal-Marsa Belt Kulturali 2022 għall-Mejju. L-ewwel waħda hija fil-15 ta' Mejju, fejn 10.00 ta' filgħodu ser ikun hemm il-kxif tal-monument ta' Patri Mario Azzopardi, fid-19 ta' Mejju ser ikun hemm il-Karnival tal-Marsa, fit-28 ta' Mejju ser ikun hemm il-kxif tal-monument t'Anton Cassar, u finalment fid-29 ta' Mejju ser ikun hawn l-attivita' ta' Breakfast on the Bridge.

45.14.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ta' dettalji tal-attivita'tal-Karnival għal nhar il-Ħamis 19 ta' Mejju. Il-Kunsillier spjega li waqt l-attivita' ser ikun hemm set bnadar li ser ikunu armati tul Triq Isouard u Triq Zerafa, sfilata fejn il-fetħa bejn Zerafa u Triq San Tumas, iż-żewġ baned lokali, il-Big Friends Guggen Band, set maskaruni li ser jibqgħu tagħna tal-Kunsill, u l-bnadar ukoll ser jibqgħu tal-Kunsill. Il-Kunsillier qed jistima li l-Karnival kollu, inklu' spejjeż relatati mall-pulizija tat-traffiku u dawl mhux ser jaqbzu l-ammont ta' €10,000. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *45.15 Attivita' Familji/Anzjani*

45.15.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ġabar kwotazzjonijiet sabiex issir harbour cruise għall-familji u l-anzjani Marsin. Filwaqt li l-prezzijiet tal-Captian Morgan, Luzzu Cruises u Supreme Cruises kienu kollha qrib xulxin b'madwar €10 il-persuna, d-dehra tal-catamaran tal-Luzzu Cruises kienet l-isbaħ waħda peress li din għandha l-ħġieġ fil-qiegħ. Apparti hekk bil-prezz ta' €12 il-kumpanija Luzzu Cruises hija lesta tipprovdi s-servizz ta' coach u sandwich bit-te' jew cafe'. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie miftiehem li l-Kunsill jaċċetta l-offerta tal-Luzzu Cruises u jitħallas kompletament mill-fondi tal-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwat li l-vot favur kien unanimu.

## *45.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

45.16.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.00pm u ġiet aġġornata għas-16 ta' Ġunju fit-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |